



Kunsill Ewropew

Brussell, 21 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

EUCO 47/24

CO EUR 41
PV/CO EUR 29

MINUTI

Suġġett: Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (23 ta' Marzu 2023)

Fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill Ewropew approva l-minuti tal-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Marzu 2023, kif jinsabu f'dan id-dokument, u ddeċieda li jippubblikahom.

1.	Skambju ta' fehmiet mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti	3
2.	Skambju ta' fehmiet mal-President tal-Parlament Ewropew	3
3.	Adozzjoni tal-aġenda	3
4.	Ukrajna	3
5.	Kompetittività, Suq Uniku u ekonomija	3
6.	Enerġija	4
7.	Punti oħra	4
8.	Adozzjoni tal-konklużjonijiet	4

1. Skambju ta' fehmiet mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti

Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, António Guterres.

2. Skambju ta' fehmiet mal-President tal-Parlament Ewropew

Il-Kunsill Ewropew sema' lill-President tal-Parlament Ewropew.

3. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill Ewropew adotta l-aġenda tiegħu kif tinsab fid-dokument EUCO 5/23.

4. Ukrajna

Il-Kunsill Ewropew kellu skambju informali ta' fehmiet mal-President tal-Ukrajna, Volodymyr ZELENSKYY, permezz ta' kollegament bil-video.

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-appoġġ kontinwu tal-Unjoni Ewropea għall-Ukrajna u l-poplu tagħha.

Il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid l-appoġġ kontinwu tiegħu għar-Repubblika tal-Moldova u stieden lill-Kummissjoni tippreżenta pakkett ta' appoġġ qabel il-laqgħa tiegħu li jmiss.

5. Kompetittività, Suq Uniku u ekonomija

Il-Kunsill Ewropew ipprovda gwida dwar l-istrateġija fit-tul tal-Ewropa biex tingħata spinta lill-kompetittività u l-produttività u biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku u dwar azzjoni biex il-bażi ekonomika, industrijali u teknoloġika tal-UE tkun adattata għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Huwa stieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex javvanzaw il-ħidma u biex jirrapportaw dwar il-progress qabel il-laqgħa tiegħu ta' Ġunju 2023.

Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni strateġika dwar il-kummerċ.

Il-Kunsill Ewropew approva wkoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2023 dwar ir-rieżami tal-governanza ekonomika u ddiskuta l-oqsma ta' prijarità ta' politika tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir u l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

6. Enerġija

Il-Kunsill Ewropew irrieżamina l-progress fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tiegħu, b'mod partikolari bil-ħsieb tat-tnejja għax-xitwa u lil hinn minnha.

7. Punti oħra

Il-Kunsill Ewropew ġie infurmat bil-progress fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tiegħu tad-9 ta' Frar 2023 dwar il-migrazzjoni. Huwa ser jerġa' jeżamina l-implimentazzjoni f'Ġunju.

Il-Kunsill Ewropew indirizza wkoll:

- l-eżitu tal-Konferenza tad-Donaturi b'appoġġ għall-poplu fit-Turkija u s-Sirja wara t-terremot tas-6 ta' Frar 2023;
- il-ftehim dwar il-perkors għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn il-Kosovo* u s-Serbja u l-Anness ta' Implimentazzjoni tiegħu.
- id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarusija.
- il-qbil dwar il-Qafas ta' Windsor.

8. Adozzjoni tal-konklużjonijiet

Il-Kunsill Ewropew adotta l-konklużjonijiet, li jirriflettu l-eżitu tad-diskussjonijiet tiegħu, kif jinsabu fid-dokument EUCO 4/23.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.